Warm-up u provi se jibdew fis-2.15 p.m. u jispiċċaw fit-3.00 p.m. ħin lokali (1215 hours sa 1300 hours UTC). It-tellieqa Evolution se tibda fl-4.00 p.m. u tispiċċa fil-5.30 p.m. (1400 hours sa 1530 hours UTC), dawn it-tlielaq se jsiru matul ir-rotta kif murija fuq *Chart* B.

3. 3. Il-Ħadd, it-8 ta' Ġunju, 2008

Il-bagi mar-rotta se jitqiegħdu fuq il-ponot A, B, X,Y, E, F, G u A1 kif imsemmi aktar qabel. Baga oħra ħamra se titqiegħed fuq il-ponta H għal raġuni ta' sigurtà u mhux bħala parti mir-rotta.

Warm-up u provi se jibdew fid-9.00 a.m. u jispiċċaw fl-10.30 a.m. ħin lokali (0700 hours sa 0830 hours UTC). It-tellieqa SuperSport se tibda fil-11.30 a.m. u tispiċċa fis-1.00 p.m. (0930 hours sa 1100 hours UTC), dawn it-tlielaq se jsiru matul ir-rotta kif murija fuq *Chart* Ċ.

Warm-up u provi se jibdew fis-2.15 p.m. u jispiċċaw fit-3.00 p.m. ħin lokali (1215 hours sa 1300 hours UTC). It-tellieqa Evolution se tibda fl-4.00 a.m. u tispiċċa fil-5.30 p.m. (1400 hours sa 1530 hours UTC), dawn it-tlielaq se jsiru matul ir-rotta kif murija fuq *Chart* Ċ.

Il-baħħara huma ordnati biex ma jaqsmux ir-rotta fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn fuq u jżommu 'l bogħod minnhom. Il-baħħara huma avżati biex jobdu l-ordnijiet mogħtija mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) u l-inġenji ta' għajnuna fl-inħawi.

Parti miċ-*charts* qiegħda fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Charts affettwati: BA 194, 2537, 2538.

It-3 ta' Ġunju, 2008

and finish at 6.00 p.m. local time (1400 hours and 1600 hours UTC). These races will take place along the course as indicated on Chart A.

2. Saturday 7th June 2008

Course buoys will be laid in points A, B, C, D, E, F, G and A1 as mentioned above. Another red buoy will be placed at point H for safety reasons and not as part of the circuit.

Warm-up and trials will commence at 9.00 a.m. and will terminate at 10.30 a.m. local time (0700 hours till 0830 hours UTC). The SuperSport race will start at 11.30 a.m. and finish at 1.00 p.m. (0930 hours till 1100 hours UTC), these races will take place along the course as indicated on Chart B.

Warm-up and trials will commence at 2.15 p.m. and will terminate at 3.00 p.m. local time (1215 hours till 1300 hours UTC). The Evolution race will start at 4.00 p.m. and finish at 5.30 p.m. (1400 hours till 1530 hours UTC), these races will take place along the course as indicated on Chart B.

3. Sunday, 8th June 2008

Course buoys will be laid in points A, B, X, Y, E, F, G and A1 as mentioned above. Another red buoy will be placed at point H for safety reasons and not as part of the circuit.

Warm-up and trials will commence at 9.00 a.m. and will terminate at 10.30 a.m. local time (0700 hours till 0830 hours UTC). The SuperSport race will start at 11.30 a.m. and finish at 1.00 p.m. (0930 hours till 1100 hours UTC), these races will take place along the course as indicated on Chart C.

Warm-up and trials will commence at 2.15 p.m. and will terminate at 3.00 p.m. local time (1215 hours till 1300 hours UTC). The Evolution race will start at 4.00 p.m. and finish at 5.30 p.m. (1400 hours till 1530 hours UTC), these races will take place along the course as indicated on Chart C.

Mariners are instructed not to cross the course on the mentioned dates and times as stated above and to give the indicated course a wide berth. Mariners are also advised to follow any instruction given by Valletta Port Control (Valletta VTS) and support craft in the area.

Part of charts can be viewed on the website of the Malta Maritime Authority at:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Charts affected: BA 194, 2537, 2538.

3rd June, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 33 ta' l-2008

*Survey **fil-Baħar tal-Bajja ta' l-Irnella Port il-Kbir***

L-Awtorità Marittima ta' Malta tgħarraf lill-baħħara kollha li se ssir *survey* tal-baħar fil-Bajja tar-Rinella fil-Port il-Kbir. L-inħawi huma mill-Ponta ta' l-Isptar sat-Tank Cleaning Farm u x-xatt bejniethom.

Jekk it-temp jippermetti, ix-xogħol huwa maħsub li jibda nhar it-Tnejn, id-9 ta' Ġunju, 2008, fit-8.00 a.m. u jkompli sa nhar it-Tnejn, 30 ta' Ġunju 2008 ħlief fil-*weekends*. Ix-xogħol se jsir minn għaddasa, li se jgħoddsu mix-xatt u jagħmlu *survey* ta' l-inħawi kollha tax-xogħol. Code Flag A, skond il-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali, se tkun fuq ix-xatt.

Il-baħħara huma avżati biex ma jbaħħrux fil-Bajja ta' lrnella fid-dati u l-ħinijiet imsemmija. Huma għandhom jobdu l-ordnijiet mogħtija mill-Valletta Port Control (VTS), VHF Channel 12.

Chart affettwata BA Chart 177

It-3 ta' Ġunju, 2008

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 33 of 2008

Marine Survey at Rinella Bay Grand Harbour

The Malta Maritime Authority notifes all mariners that a marine survey will be carried out at Rinella Bay in Grand Harbour. The area is from Hospital Point to the Tank Cleaning Farm and the intermediate coastline.

Weather permitting the work is scheduled to start on Monday, 9th June 2008 at 8.00 a.m. and continued until Monday, 30th June 2008 excluding weekends. The work will be carried out by divers, who will be diving from shore and survey all the work area. Code Flag A, in accordance with the International Code of Signals will be displayed from shore.

Mariners are advised not to navigate within the Rinella Bay during of the above mentioned dates and times. They are to obey instrucutions as given out by Valletta Port Control (VTS), VHF Channel 12.

Chart affected BA Chart 177

3rd June, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Chairperson* tad-Dipartiment tad-Dentistrija fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru għall-Politika Soċjali

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand dentisti bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Chairperson* tad-Dipartiment tad-Dentistrija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Chairperson* tad-Dipartiment tad-Dentistrija għandu salarju ta' €29,167 (Lm12,521.39) fis-sena.(Skala ta' Salarju Nru. 3)

3.1. Il-ħatra ta' *Chairperson* tad-Dipartiment tad-Dentistrija, li hija bi prova għal sena, hija fuq bażi ta' kuntratt ta' ħames snin u hija soġġetta għar-regoli u regolamenti li jiggvernaw is-Servizz Pubbliku ta' Malta u d-Diviżjoni tas-Saħħa, u persuna tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Din il-ħatra hija fuq bażi *full-time*, jiġifieri l-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' erbgħin siegħa u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu imma, skond

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Chairperson of the Department of Dentistry in the Health Division in the Ministry for Social Policy

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced dental surgeons for the post of Chairperson of the Department of Dentistry in the Health Division.

2. The post of Chairperson of the Department of Dentistry carries a salary of €29,167 (Lm12,521.39) per annum. (Salary Scale No. 3)

3.1. The appointment of a Chairperson of the Department of Dentistry, which is subject to a probationary period of one year, shall be on the basis of a five year contract and is subject to any rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. This appointment is on a full-time basis, i.e. the appointee will be conditioned to a forty-hour week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties, but in accordance

l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinnhar inkluż sessjonijiet ta' *outpatients* jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:-

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5. Il-persuna nominata tkun taqa' direttament taħt min imexxi l-isptar u fl-aħħarnett taħt id-Direttur Ġenerali (Servizzi tal-Kura tas-Saħħa).

6.1. Il-persuna nominata tkun responsabbli għall-maniġġjar u tmexxija tas-servizzi tad-Dentistrija fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Minbarra li tipprovdi *clinical inpatient service* fl-Isptar Mater Dei u fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, trid tkun responsabbli wkoll għat-tmexxija tas-servizzi ta' outpatients fid-Dentistrija f'Malta u Għawdex kif ukoll tagħti servizz ta' parir professjonali lill-isptarijiet l-oħra kollha. Hi tkun responsabbli wkoll għall-faċilitajiet kliniċi tad-Dentistrija fiċ-Ċentri tas-Saħħa.

6.2 Il-persuna nominata trid tkun responsabbli għad-dixxiplina u l-prattika fid-Dipartiment tad-Dentistrija u trid tagħti wkoll kont dwar l-inforzar tad-dixxiplina ta' l-impjegati taħt il-kariga tagħha.

6.3 Meta tkun l-*Admitting Consultant* (fuq xogħol), il-persuna nominata trid tattendi għal ħtiġiet tal-pazjenti skond l-esiġenzi tas-servizz. Dakinhar fil-għaxija, trid iddur is-sala biex taċċerta sakemm hu prattikabbli, li kull dħul ta' emerġenza li jsir wara nofsinhar u kmieni fil-għaxija jiġi eżaminat minnha fl-istess ġurnata tad-dħul.

6.4 Il-persuna nominata trid tagħti parir lid-Diviżjoni tas-Saħħa dwar żviluppi fis-servizz tad-Dentistrija, tħejji *policies* kliniċi u tax-xogħol dwar id-dipartiment kliniku tagħha u taġġornahom kif jinħtieġ għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet ta' l-isptar u tal-*Health Centres*, u tassigura li l-*policies* approvati jiġu obduti.

6.5 Il-persuna nominata trid tistabbilixxi mekkaniżmu xieraq biex tassigura kwalità tas-servizzi u verifika medika.

6.6 Il-persuna nominata trid tassigura l-ogħla kura possibbli

with the exigencies of the service, afternoon sessions including outpatients sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work, and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5. The appointee will be directly accountable to the hospital management and ultimately to the Director General (Health Care Services).

6.1 The appointee shall be responsible for the management, and administration of Dental services within the Health Division. Apart from providing the clinical inpatient service based at Mater Dei Hospital and Gozo General Hospital, the appointee shall also be responsible for running the outpatients services in Dentistry in Malta and Gozo as well as for providing consultancy service to all other hospitals. He/She shall also be responsible for the clinical services for dental facilities at Health Centres.

6.2 The appointee shall be responsible for discipline and practice in the Department of Dentistry and shall also be accountable for the enforcement of discipline of the staff under his/her charge.

6.3 When he/she is the admitting Consultant (on call), the appointee shall be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service. He/She is to perform an evening ward round on that date with a view to ensuring, as far as it is reasonably practicable, that emergency admissions in the afternoon and early evening are seen by him/her on the same day of admission.

6.4 The appointee shall advise the Health Division on service developments in Dentistry, draw up appropriate clinical and operational policies in connection with his/her clinical Department and update these as necessary, for approval by the hospital and health centre authorities, and ensure that the approved policies are complied with.

6.5 The appointee shall establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

6.6 The appointee shall ensure the highest level possible

għall-pazjenti b'attenzjoni speċjali biex din tingħata kif xieraq, fil-ħin u kontinwa (inkluż kontinwazzjoni permezz ta' *medical records* miżmuma tajjeb u li persuna tista' ssegwihom bla tbatija, u permezz ta' ittri fil-ħin dwar ħruġ mill-isptar).

6.7 Il-persuna nominata trid tagħmel proposti dwar l-iżvilupp tas-*subspecialities* fid-dentistrija u ssegwi l-progress tal-*policies* approvati f'dan ir-rigward.

6.8 Il-persuna nominata trid tieħu ħsieb ilmenti dwar id-dipartimenti tagħha skond il-proċedura applikabbli għad-Diviżjoni tas-Saħħa b'mod ġenerali u għall-isptarijiet u *health centres* b'mod partikolari.

6.9 Il-persuna nominata trid tassigura l-implimentazzjoni ta' programmi kontinwi ta' taħriġ u edukazzjoni għall-impjegati tad-Dipartiment tagħha, inkluż l-organizzazzjoni ta' laqgħat kliniċi u programmi ta' taħriġ fid-Dentistrija għall-*undergraduates* u *postgraduates* kif ukoll għall-impjegati paramediċi fid-Dipartiment.

6.10 Il-persuna nominata trid tħejji *Business Plans* għad-Dipartiment kliniku tagħha u tassigura l-implimentazzjoni tagħhom, tassigura l-użu xieraq ta' riżorsi umani u riżorsi oħra li għandha għad-dispożizzjoni tagħha.

6.11 Il-persuna nominata trid toqgħod fuq Bordijiet u kumitati kif tkun imqabbda mill-awtoritajiet kompetenti, inkluż Bordijiet u kumitati kliniċi, ta' għażla, ta' investigazzjoni u dawk li jagħtu parir.

6.12. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6.13 Il-persuna nominata trid tħejji rapport kull sena fuq ix-xogħol tad-dipartiment kliniku tagħha.

7. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispoziżżjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikulta l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispoziżżjonijiet ta' l-UE);

of patient care with special attention to appropriateness, timeliness, and continuity (including continuity through well maintained and easily followable medical records and timely discharge letters).

6.7 The appointee shall make proposals for the development of subspecialities in dentistry and monitor progress in respect of approved policies in this respect.

6.8 The appointee shall deal with complaints pertaining to his/her department, in accordance with procedures applicable to the Health Division in general and to the hospitals and health centres in particular.

6.9 The appointee shall ensure the implementation of a continuing training and education programme in respect of the staff of his/her Department, including the organisation of clinical meetings and teaching programmes in Dentistry for undergraduates and postgraduates as well as paramedical staff in the department.

6.10 The appointee shall draw up Business Plans for his/her clinical department and ensure their implementation, ensuring the appropriate use of human and other resources at his/her disposal.

6.11 The appointee shall sit on such Boards and Committees as may be indicated or requested by the competent authorities, including Boards and Committees of a clinical, selective, investigative or advisory nature.

6.12 The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division

6.13 The appointee shall prepare an annual report on the workings of his/her clinical department.

7. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-professjoni Dentali f' Malta;

d) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fid-*Dental Surgery* (e.g. FDSRCS. jew kwalifika oħra komparabbli xierqa);

e) ikollhom mill-anqas sitt snin prattika fil-professjoni dentali;

f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti qabel u jagħtu d-dettalji).

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap.413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practise the dental profession in Malta;

(d) be in possession of a higher postgraduate qualification in Dental Surgery (e.g. FDSRCS. or other appropriate comparable qualification);

(e) have at least six years of practice in the dental profession;

(f) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap.413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

9.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-*iscanner* huma aċċettabbli.

9.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

9.3. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żagħżagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju 2008.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinnhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta'

9.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

9.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

9.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11. The applicant selected for appointment will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 27th June 2008.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 27th June 2008 may be considered provided that all

Ġunju 2008 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-fax tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-3 ta' Ġunju, 2008

requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

15.Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

3rd June, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Għalliema fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE)

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Għalliema fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE).

2. Il-funzjonijiet tad-DSE huma stabbiliti bl-Att dwar l-Edukazzjoni (kif emendat bl-Att XIII ta' l-2006) li jidher fis-sit elettroniku www.education.gov.mt.

3. Il-missjoni tad-DSE hi li jassigura l-operat u l-provvista ta' servizz b'mod effettiv u effiċjenti fil-Kulleġġi u l-iskejjel ta' l-Istat f'qafas stabbilit ta' deċentralizazzjoni u awtonomija

4. Jeżistu vakanzi għal Għalliema biex jgħallmu:

(i) is-settur ta' l-Iskejjel Primarji;

(ii) fis-settur ta' l-Edukazzjoni Speċjali; u

(iii) fis-suġġetti li ġejjin fis-settur ta' Skejjel Sekondarji u Post Sekondarji:

Għarbi
Arti
Bijoloġija
Business Studies
Kimika
Computer Studies
Design and Technology – Resistant Materials and Electronics
Design and Technology – Food and Textiles Technology
Ekonomija
Ingliż

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Teacher in the Directorate for Educational Services (DES)

The Public Service Commission invites applications for the posts of Teacher in the Directorate for Educational Services (DES).

2. The functions of the DES are established by the Education Act (as amended by Act XIII of 2006) which may be consulted on www.education.gov.mt.

3. The mission of the DES is to ensure the effective and efficient operation and delivery of services to the Colleges and schools within an established framework of decentralisation and autonomy.

4. Vacancies exist for teachers to teach:

(i) in the Primary Schools Sector;

(ii) in the Special Education Sector; and

(iii) in the following subjects in the Secondary/Post Secondary Schools Sector:

Arabic
Art
Biology
Business Studies
Chemistry
Computer Studies
Design and Technology – Resistant Materials and Electronics
Design and Technology – Food and Textiles Technology
Economics
English

Studji Ewropej	European Studies
Franċiż	French
Ġografija	Geography
Ġermaniż	German
Graphical Communication	Graphical Communication
Storja	History
Home Economics	Home Economics
Information Technology	Information Technology
Xjenza Integrata	Integrated Science
Taljan	Italian
Malti	Maltese
Marketing	Marketing
Matematika	Mathematics
Mużika	Music
Personal and Social Development	Personal and Social Development
Edukazzjoni Fiżika	Physical Education
Fiżika	Physics
Pjanu	Piano
Reliġjon	Religion
Studji Socjali	Social Studies
Spanjol	Spanish
Systems of Knowledge	Systems of Knowledge
Teorija tal-Mużika	Theory of Music
Vjolin	Violin

5. L-iskala tal-bidu tas-salarju għal dan il-post hija Skala 9 €15,074 (Lm6,471.27) x €447.17 (Lm191.97) għal €17,757 (Lm7,623.08). Wara tmien snin servizz sodisfaċenti fil-grad, persuna fil-grad ta' għalliem titla' għal Skala 8 u mbagħad għal Skala 7 wara tmien snin oħra ta' servizz sodisfaċenti fil-grad.

5.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time*, u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE). Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

6. L-applikanti għandhom ikunu:-

(a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'kaz ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jigi kkonsultat il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin); jew

(iv) il-konjuġi u tfal anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur,

5. The initial salary scale of a Teacher is Scale 9 €15,074 (Lm6,471.27) x €447.17 (Lm191.97) to €17,757 (Lm7,623.08). Subject to a satisfactory performance, a Teacher will proceed to Scale 8 after 8 years service in the grade and then to Scale 7 after a further 8 years service in the grade.

5.1 The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Directorate for Educational Services (DES) in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

6. Applicants must be:-

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of

Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii), (iv) hawn fuq tkun suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(ċ) ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola tas-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern Malti, u jagħtu dettalji);

(d) ikollhom *Teacher's Warrant* permanenti jew jikkwalifikaw għalih skond l-artikolu 24 (2) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap.327).

SETTUR PRIMARJU

6.1 Applikanti biex jgħallmu fis-Settur Primarju barra li jissodisfaw ir-rekwiżiti f'6a, b, ċ u d irid ikollhom wieħed minn dawn:

(i) diġà kellhom ħatra ta' Għalliema Regolari mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni (issa magħruf bħala DSE) bil-kundizzjoni illi s-servizz li taw f'dan il-qasam jiġi kkunsidrat bħala sodisfaċenti;

JEW

(ii) Ċertifikat rikonoxxut ta' Għalliem/a;

JEW

(iii) Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni;

JEW

(iv) Ċertifikat *Postgraduate* fl-Edukazzjoni bi speċjalizzazzjoni fl-Edukazzjoni Primarja;

JEW

(v) Grad ta' *Master's* jew Dottorat fis-settur Primarju. Applikanti li jkunu għaddew mill-eżamijiet finali tagħhom u jkunu se jiggradwaw bi grad ta' *Master's* jew dottorat wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet għandhom jipprovdu transcripts uffiċjali tal-gradi ma' l-applikazzjoni.

the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages:

(c) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a recent Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service, giving details);

(d) in possession of a permanent Teacher's Warrant or qualify for one in accordance with section 24 (2) of the Education Act (Cap. 327).

PRIMARY SECTOR

6.1 Applicants for a post in the Primary Sector apart from satisfying requisites stated in 6a, b, c and d must further satisfy one of the following:

(i) have previously held a regular appointment as Teacher with the Education Division (now referred to as DES), provided that their teaching service in this sector is considered satisfactory.

OR

(ii) have a recognized Teacher's Certificate;

OR

(iii) have a Bachelor's Degree in Education;

OR

(iv) have a Postgraduate Certificate in Education specialising in Primary Education;

OR

(v) have a Master's Degree or Doctorate in Primary Education. Applicants who have passed their final examinations and will be graduating with a Master's Degree or Doctorate after the closing date of the applications have to provide official transcripts of the degrees with their applications.

JEW

(vi) ikunu temmew b'suċċess il-*Graduate Teachers Course* organizzat mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni (issa magħruf bħala d-DSE) jew kwalifika rikonoxxuta, xierqa u komparabbli;

6.1.1 L-applikanti għandu jkollhom ukoll Livell Ordinarju *Secondary Education Certificate* (Grad 1 – 5) jew kwalifika komparabbli fil-lingwa Maltija, fil-lingwa Ingliża u fil-Matematika. Livell Avvanzat (minimu Grad E) jew komparabbli f'dawn is-suġġetti jew ċertifikat fil-*module* tas-suġġett rispettiv meħud bħala parti mil-kors tal-B.Ed (Hons) jitqies bħala alternattiva għal Livell Ordinarju sakemm ma jitqies xejn kuntrarju. Bil-kundizzjoni li applikant li ma jkunx jissodisfa dawn ir-rekwiżiti jkun xorta waħda eliġibbli li japplika/tapplika jekk hu jew hi jkollu/ha *Permanent Teacher's Warrant* u jkun ilu jew ilha f'impieg *full-time* bħala għalliem/a fis-Settur Primarju għal perjodu ta' mhux anqas minn ħames snin f'dawn l-aħħar għaxar snin.

6.1.2 Applikanti li jkunu qed isegwu xi wieħed mill-korsijiet imsemmija f'paragrafu 6.1 (ii), (iii), (iv) u (v) taħt il-klawsola tal-maturità (provi bil-miktub iridu jiġu inklużi) u spiċċaw il-kors b'suċċess huma eżenti minn klawsola 6.1.1.

6.1.3 Applikazzjonijiet jintlaqgħu minn studenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-Kors tal-B.Ed (Hons) li jispeċjalizzaw fit-tagħlim tal-Primarja bħala suġġett ewlieni.

SETTUR TA' L-EDUKAZZJONI SPEĊJALI

6.2 Biex jgħallmu fis-Settur ta' l-Edukazzjoni Speċjali barra r-rekwiżiti msemmija f'6a, b, ċ u d, l-applikanti jridu jissodisfaw ukoll waħda minn dawn:

(i) diġà kellhom ħatra ta' Għalliem/a Regolari mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni (issa magħrufa bħala DSE) u taw servizz sodisfaċenti;

JEW

(ii) ikollhom Ċertifikat rikonoxxut ta' Għalliem/a;

JEW

(iii) ikollhom Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni;

JEW

(iv) ikollhom Ċertifikat *Postgraduate* fl-Edukazzjoni.

JEW

(v) ikollhom il-grad ta' *Master's* jew Dottorat fis-settur

OR

(vi) have successfully completed the Graduate Teachers Course organised by the Education Division (now referred to as DES) (or an appropriate, recognized, comparable qualification).

6.1.1 Applicants must also be in possession of an Ordinary Level Secondary Education Certificate (Grade 1 – 5) or comparable in Maltese, English Language and Mathematics. A pass at Advanced Matriculation Level (minimum Grade E) or comparable or a pass in the respective subject module taken as part of the B.Ed (Hons) course shall be accepted as an alternative to Ordinary Level unless otherwise stated. Provided that an applicant who does not satisfy these requirements would still be eligible to apply if he or she is in possession of a Permanent Teacher's Warrant and has been in a full-time teaching position in the Primary Sector for a period of not less than five years in the last ten years.

6.1.2 Applicants who entered one of the courses noted in 6.1 (ii), (iii), (iv) and (v) as mature students (testimonial of this needs to be provided) and successfully completed such courses are exempt from clause 6.1.1

6.1.3 Applications will also be received from students who are in the final year of the B.Ed (Hons) course with Primary teaching as a main area of specialisation.

SPECIAL EDUCATION SECTOR

6.2 Applicants for a post in the Special Education Sector apart from satisfying requisites stated in 6a, b, c and d must further satisfy one of the following:

(i) have previously held a regular appointment as a Teacher with the Education Division (now referred to as DES), and have performed satisfactorily;

OR

(ii) have a recognized Teacher's Certificate;

OR

(iii) have a Bachelor's Degree in Education;

OR

(iv) have a Post Graduate Certificate in Education.

OR

(v) have a Master's Degree or Doctorate in Special

ta' l-Edukazzjoni Speċjali jew *area* relevanti relatati mas-suġġett. Applikanti li jkunu għaddew mill-eżamijiet finali tagħhom u jkunu ser jiggradwaw bi grad ta' *Master's* jew dottorat wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet għandhom jipprovdu transcripts uffiċċjali tal-gradi waqt l-intervista.

SETTUR TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI/ POST-SEKONDARJI

6.3 Biex jgħallmu fis-Settur ta' l-Iskejjel Sekondarji/Post Sekondarji barra r-rekwiżiti f'6a, b, ċ u d, l-applikanti jridu wkoll jissodisfaw waħda minn dawn;

(i) digà kellhom ħatra ta' Għalliem/a Regolari bħala Għalliem/a mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni (issa magħrufa bħala DSE) u jkollhom ċertifikat tal-Matrikola fil-livell avvanżat (Grad Ċ jew aħjar) jew komparabbli, fis-suġġett/i li għalihom tkun saret l-applikazzjoni, bil-kundizzjoni li s-servizz li taw jiġi kkunsidrat sodisfaċenti:

JEW

(ii) ikollhom Ċertifikat rikonoxxut ta' Għalliem/a bis-suġġett li għalih saret l-applikazzjoni studjat bħala s-suġġett ewlieni fil-kors ta' taħriġ għall-Għalliem/a;

JEW

(iii) ikollhom ċertifikat rikonoxxut ta' Għalliem/a maħruġ mill-Kulleġġi ta' l-Edukazzjoni Mater Admirabilis jew St Michael's flimkien ma' ċertifikat tal-Matrikola fil-livell Avvanzat jew komparabbli, fis-suġġett li għalih tkun saret l-applikazzjoni;

JEW

(iv) ikollhom Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni fis-suġġett li għalih tkun saret l-applikazzjoni studjat bħala s-suġġett ewlieni fil-kors ta' l-Għalliema;

JEW

(v) ikollhom Grad ta' Baċellerat jew kwalifika komparabbli li tinkludi s-suġġett li għalih tkun saret l-applikazjoni bħala suġġett ewlieni, u għandhom il-P.G.C.E. f'dan is-suġġett bħala *main area*. Fil-każ fejn l-Università ta' Malta ma tkunx għamlet dak il-kors partikulari tal-P.G.C.E. fl-aħħar tliet snin qabel ħarget din is-sejħa, l-applikant li jkun għamel il-P.G.C.E. f'xi suġġett ieħor jikkwalifka wkoll;

JEW

(vi) għandhom iċ-ċertifikat tal-*Graduate Teachers' Course* organizzat mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni (issa magħrufa

SECONDARY/POST-SECONDARY SECTOR

6.3 Applicants for the post in the Secondary/Post Secondary Schools Sector apart from satisfying requisites stated in 6a, b, c and d, must further satisfy one of the following:

(i) have previously held a regular appointment as Teacher with the Education Division (now referred to as DES) and have a pass at Advanced Matriculation Level (Grade C or better) or comparable in the subject/s applied for, provided that their teaching service is considered satisfactory;

OR

(ii) have a recognized Teacher's Certificate with the subject applied for taken as the main subject in the Teacher's Training Course;

OR

(iii) have a full certificate in Education awarded by Mater Admirabilis College of Education or St Michael's College of Education together with a pass at Advanced Matriculation level or comparable in the subject applied for;

OR

(iv) have a Bachelor's Degree in Education which includes the subject applied for as the main teaching area;

OR

(v) have a Bachelor's Degree or a comparable qualification which includes the subject applied for as a main area and have a P.G.C.E. specializing in the subject applied for. In those cases where a P.G.C.E. was not offered by the University of Malta in the last three years before the issue of a call in the area applied for, a P.G.C.E. with any subject specialization will qualify the applicant;

OR

(vi) have successfully completed the Graduate Teachers' Course organised by the Education Division (now referred to as

bħala DSE) jew kwalifika rikonoxxuta, xierqa u komparabbli flimkien ma' grad ta' Baċellerat, jew kwalifika komparabbli li tinkludi s-suġġett li għalih tkun saret l-applikazzjoni;

JEW

(vii) ikollhom il-grad ta' *Master's* jew Dottorat fis-suġġett li għalih ikunu applikaw u *warrant* permanenti. Applikanti li jkunu għaddew mill-eżamijiet finali tagħhom u jkunu se jiggradwaw bi grad ta' *Master's* jew dottorat fis-suġġett li għalih applikaw wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet għandhom jipprovdu *transcripts* uffiċjali tal-gradi ma' l-applikazzjoni.

6.3.1 Applikanti għas-Settur Sekondarju/Post Sekondarju jrid ikollhom ukoll Livell Ordinarju fis-*Secondary Education Certificate* (Grad 1 – 5) jew kwalifika komparabbli fil-lingwa Maltija, fil-Lingwa Ingliża, u fil-Matematika. Livell Avvanzat (minimu Grad E) jew komparabbli f'dawn is-suġġetti jew ċertifikat fil-*module* rispettiv meħud bħala parti mil-kors tal-B.Ed (Hons) jitqies bħala alternattiva għal-Livell Ordinarju.

6.3.2 Applikanti li jkunu qed isegwu xi wieħed mill-korsijiet imsemmija f'6,3 (ii), (iii), (iv) u (v) taħt il-klawsola tal-maturità (provi inklużi) u spiċċaw il-kors b'suċċess huma eżenti minn klawsola numru 6.3.1..

6.3.3 Applikazzjonijiet jintlaqgħu minn studenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-kors tal-B.Ed (Hons) jew tal-kors tal-P.G.C.E. ta' l-Università ta' Malta jew kwalifika komparabbli rikonoxxuta u li għandhom is-suġġett li japplikaw għalih bħala s-suġġett ewlieni li jispeċjalizzaw fih. Fejn l-Università ta' Malta ma tkunx fetħet kors tal-P.G.C.E. f'xi suġġett partikolari, kandidat jista' jippreżenta suġġett ieħor fil-P.G.C.E. basta dan ikollu jew Hons. Degree fis-suġġett li għalih ikun applika jew ikollu *General Degree* fejn bħala suġġett ewlieni ta' studju ikun hemm is-suġġett li jkun applika għalih.

6.3.4 Fil-każ tal-*Business Studies* kull suġġett/*degree* ppreżentat iridu jinkludu komponenti biżżejjed ta' *Economics* u *Accounts* bħala s-suġġett ewlieni ta' studju.

6.3.5 Fil-każ tal-*Personal and Social Development*, id-*degree* tal-gradwati tal-P.G.C.E.trid tinkludi l-Psikoloġija bħala suġġett ewlieni.

6.3.6 Fil-każ tax-Xjenza Integrata, il-kandidati li japplikaw taħt il-klawsola 6.3 (iv), (v) jew (vi) iridu jkunu studjaw Bijoloġija jew Kimika jew Fiżika bħala suġġett ewlieni fil-grad tagħhom tal-Baċellerat.

6.3.7 Fil-każ tar-Reliġjon, il-kandidati jrid ikollhom ċertifikat mingħand il-Kurja ta' l-Arċisqof li juri li huma adatti biex jgħallmu r-Reliġjon.

DES) or an appropriate, recognized, comparable qualification and be in possession of a Bachelor's Degree, or a comparable qualification, which includes the subject applied for;

OR

(vii) have a Master's Degree or Doctorate in the subject applied for and a permanent warrant. Applicants who have passed their final examinations and will be graduating with a Master's Degree or Doctorate in the subject applied for after the closing date of the applications have to provide official transcripts of the degrees with their applications.

6.3.1 Applicants for the Secondary/Post Secondary Sector must be in possession of at least Ordinary Level Secondary Education Certificate (Grade 1 – 5) or comparable in the following three subjects: Maltese, English Language and Mathematics. A pass at Advanced Level Matriculation (Minimum Grade E), or comparable, or a pass in the respective subject module taken as part of the B.Ed (Hons) Course, shall be accepted as an alternative to Ordinary Level.

6.3.2 Applicants who entered one of the courses noted in 6.3 (ii), (iii), (iv) and (v) as mature students (testimonial of this needs to be provided) and successfully completed such courses are exempt from clause 6.3.1

6.3.3 Applications will also be received from students who are in the final year of the B.Ed (Hons) course or in the P.G.C.E. course at the University of Malta or a recognized comparable qualification and have as a main area of specialisation the subject applied for. Where the University of Malta did not run a P.G.C.E. course in that particular subject, any P.G.C.E. will qualify an applicant who also has either an Hons. Degree in the subject applied for or a General Degree in which the subject applied for is a main area of study.

6.3.4 In the case of Business Studies, any other related subject/degree presented should include enough components of both Economics and Accounts as a main area of study.

6.3.5 In the case of Personal and Social Development, the degree of P.G.C.E graduates must include Psychology as a main area of study.

6.3.6 In the case of Integrated Science, applicants claiming eligibility in terms of paragraph 6.3 (iv), (v) or (vi) must have studied Biology or Chemistry or Physics as a main area of study in their degree.

6.3.7 In the case of Religion, candidates must also obtain the necessary certificate of suitability for the teaching of Religion from the Archbishop's Curia.

6.3.8 Fil-każ ta' l-Arti u l-Mużika l-applikanti li għandhom:

(i) Ċertifikat rikonoxxut ta' Għalliem/a,

jew

(ii) Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni,

jew

(iii) Grad ta' Baċellerat u kors tal-P.G.C.E. ta' l-Università ta' Malta jew *Graduate Teacher's Course,*

jew

(iv) Grad ta' Master's jew Dottorat;

jew

(v) kwalifiki li bihom l-applikant qeda b'suċċess id-dmirijiet ta' għalliem/a liċenzat/a fl-arti jew fil-mużika fi skola rikonnoxxuta f'xi Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea jew f'pajjiżi oħra li għalihom japplikaw provvedimenti ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni huma eliġibbli li japplikaw jekk il-kwalifiki huma relevanti għas-suġġett.

6.3.9 Fil-każ ta' l-*Information Technology,* applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn:

(a) gradwati tal-B.Ed (Hons) jew gradwati tal-P.G.C.E. jew studenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-kors tal-B.Ed (Hons) jew tal-P.G.C.E.;

u

(b) li jispeċjalizzaw fis-settur Sekondarju;

u

(ċ) għandhom ċertifikat fis-seba' *modules* tal-*European Computer Driving Licence (ECDL)* jew kwalifika komparabbli;

6.3.10 Fil-każ ta' l-Istudji Ewropej, l-applikanti magħżula jridu jkunu attendew kors relevanti ta' Studji Ewropej organizzat mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni (issa magħrufa bħala DSE) jew jikkommettu ruħhom li jsegwu l-kors meta jiġu msejħa.

6.3.11 Fil-każ ta' *Design and Technology,* l-applikanti jridu jissodisfaw waħda minn dawn il-kundizzjonijiet:

(a) *Resistant Materials and Electronics,* huma eliġibbli wkoll dawk l-applikanti li l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom fil-kors tal-B.Ed (Hons) hi *Technical Subjects*.

6.3.8 In the case of Art and Music applicants who have:

(i) a recognised Teacher's Certificate

or

(ii) a Bachelor's Degree in Education,

or

(iii) a Bachelor's Degree and have also a P.G.C.E. of the University of Malta, or a Graduate Teacher's Course,

or

(iv) a Master's degree or a Doctorate;

or

(v) qualifications on the strength of which the applicant has successfully held a teaching post as a licensed teacher in art or in music in a recognised school in any other European Union Member State or in any country to which the EU provisions on free movement of persons apply shall be eligible to apply if their qualifications are relevant to the subject.

6.3.9 In the case of Information Technology, applications will also be received from:-

(a) B.Ed (Hons) or P.G.C.E. graduates or students who are in their final year of studies in B.Ed (Hons) or P.G.C.E. course;

and

(b) whose area of specialisation is in the Secondary Sector;

and

(c) have obtained a pass in all seven modules of the European Computer Driving Licence (ECDL) or a comparable qualification;

6.3.10 In the case of European Studies, selected applicants must have undergone the relevant course for European Studies organised by the Education Division (now referred to as DES) or commit themselves to follow the course when requested to do so.

6.3.11 In the case of Design and Technology, applicants must satisfy one of the following conditions:

(a) Resistant Materials and Electronics, eligibility is also extended to applicants where area of specialization in the B.Ed (Hons) course is in Technical Subjects.

(b) *Food and Textiles Technology*, huma eliġibbli dawk l-applikanti li għandhom ukoll:

(i) Speċjalizzazzjoni B.Ed (Hons) fil-*Home Economics* bi *credits* li huma relevanti mat-Tessuti;

jew

(ii) Speċjalizzazzjoni B.Ed (Hons) fil-*Home Economics* bi kwalifiki relevanti komparabbli ma' livell avvanzat jew ogħla fit-Tessuti;

jew

(iii) Speċjalizzazzjoni B.Ed (Hons) fit-Tessuti bi *credits* relatati mal-*Home Economics;*

jew

(iv) Speċjalizzazzjoni B.Ed (Hons) fit-Tessuti u jkollhom kwalifiki relevanti komparabbli ma' Livell Avvanzat jew Ogħla fil-*Home Economics*.

6.3.12 Fil-każ ta' Pjanu, Teorija tal-Mużika u Vjolin:

(a) l-applikanti li għandhom:-

(i) Ċertifikat rikonnoxut ta' Għalliema jew
(ii) Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni, jew
(iii) Grad ta' Baċellerat kif ukoll kors tal-*P.G.C.E.* jew *Graduate Teachers Course* jew
(iv) Għandhom il-Grad ta *Master's* jew Dottorat,

huma eliġibbli li japplikaw jekk il-kwalifiki huma relevanti għas-suġġett/i li għalih/hom qed japplikaw.

(b) Dawk l-applikanti bi kwalifiki bħal dawn imsemmija hawn fuq f'suġġetti oħra, iżda li għandhom ukoll kwalifiki relevanti komparabbli ma' Livell Avvanzat jew aktar, huma wkoll ikkunsidrati eliġibbli li japplikaw.

6.4 Gradi u/jew ċertifikati minn universitajiet barranin u istituzzjonijiet oħra ta' l-edukazzjoni terzjarja jrid ikollhom magħhom *transcripts* uffiċjali jew *diploma supplements*. Tagħrif u linji gwida dwar gradi, diplomi jew ċertifikati barranin jistgħu jinkisbu miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni (MQRIC) tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport. L-applikanti għandhom jissottomettu kull tagħrif marbut ma' l-evalwazzjoni tal-kwalifiki tagħhom.

6.5 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni (MQRIC) fil-Ministeru ta'

(b) Food and Textiles Technology, eligibility is also extended to applicants in possession of:

(i) Main area of specialisation in B.Ed (Hons) Home Economics with credits relevant to Textiles;

or

(ii) Main area of specialisation in B.Ed (Hons) Home Economics and having relevant qualifications comparable to an Advanced Level or higher in Textiles;

or

(iii) Main area of specialisation in B.Ed (Hons) in Textiles with credits related to Home Economics;

or

(iv) Main area of specialization in B.Ed (Hons) in Textiles and having relevant qualifications comparable to an Advanced Level or higher in Home Economics.

6.3.12 In the case of Piano, Theory of Music and Violin :

(a) applicants who have:-

(i) a Teacher's Certificate; or
(ii) a Bachelor's Degree in education, or
(iii) a Bachelor's Degree and have also a P.G.C.E. or a Graduate Teacher's Course, or
(iv) a Master's degree or a Doctorate

shall be eligible to apply if their qualifications are relevant to the subject/s they are applying for.

(b) Those applicants having the qualifications listed above in an area other than that applied for but having relevant qualifications comparable to an Advanced Level or higher, shall also be considered as eligible.

6.4 Degrees and/or certificates awarded by foreign universities and other tertiary education institutions must be accompanied by official transcripts or diploma supplements. Information and guidance regarding foreign degrees, diplomas or certificates may be obtained from the Malta Qualification Recognition Information Centre, Ministry of Education, Culture, Youth and Sport. Applicants are to submit all information regarding the evaluation of their qualifications.

6.5 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)

l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riceventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa ghall-applikazzjonijiet.

within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

6.6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha jridu jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (kopji mehmuża ma' l-applikazzjonijiet, l-oriġinali jintwerew waqt l-intervista).

6.6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

6.6.2 Ċertifikati tal-gradi għandu jkollhom magħhom *transcript*, bl-Ingliż, li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali.

6.6.2 Degree certificates must be accompanied by a transcript, in English, showing the Degree obtained and the final classification.

6.6.3 Applikanti jeħtieġ li jipprovdu r-rapporti tat-*teaching practice* u/jew referenzi dwar l-esperjenza tagħhom waqt it-*teaching practice*.

6.6.3 Applicants must provide teaching practice reports and/or references regarding their teaching practice experience.

6.6.4 Applikanti jeħtieġ li jipprovdu *transcripts* tal-kwalifiki tagħhom. Dawk li jinsabu fl-aħħar sena ta' l-istudju tagħhom iridu jipprovdu *transcripts* tas-snin kollha ta' studju ta' qabel f'dak il-kors partikolari.

6.6.4 Applicants must provide transcripts of their qualifications. Those in their final year of study must provide transcripts of all previous years of study in that particular course.

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tigi indirizzata lid-DSE u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justification should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Directorate and copied to the NCPD.

8.1 Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esibit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-DSE.

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the DES.

8.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-media lokali.

8.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organizations.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem (10) ta' xogħol mid-data tal- pubblikazzjoni tar-riżultat.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the publication of the notice in the Government Gazette.

8.5 Hu maħsub li l-intervisti jkunu lesti sat-18 ta' Lulju 2008. Hu fl-interess ta' l-applikanti li jattendu għall-intervisti skond l-appuntament li jingħata. Raġunijiet għall-assenza, inkluż safar, jistgħu ma jintlaqgħux.

8.5 It is envisaged that interviews will be completed by the 18th July 2008. It is in the applicants' interest that they attend for their interviews as per appointment given. Reasons for non-attendance, including being abroad, may not be considered.

8.6 Applikanti li jkunu dikjarati ineliġibbli jiġu infurmati bil-posta.

8.6 Applicants who are found to be ineligible will be informed by post.

8.7 L-applikanti li jgħaddu u li jkunu, jew ikkwalifikati sa l-aħħar ta' Lulju 2008, jew temmew b'suċċess il-kors tal-B.Ed (Hons) jew il-P.G.C.E. sa l-aħħar ta' Lulju 2008, jiġu klassifikati skond il-mertu. L-applikanti li ma jissodisfawx xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma jkunux eliġibbli anke jekk ikunu ssejħu jew qagħdu għall-intervista.

8.7 Successful applicants will be placed in order of merit subject to the condition that they are either fully qualified by the end of July 2008 or have successfully completed their B.Ed (Hons) or P.G.C.E. by the end of July 2008. Applicants failing any one of the above conditions will be considered ineligible even in those cases where they have been called for or attended the interview.

8.8 L-applikanti li jgħaddu jiġu offruti l-ħatra skond in-numru ta' vakanzi.

8.8 Successful applicants will be offered appointments according to the availability of posts.

8.9 L-applikanti li jgħaddu jeħtieġ li jattendu kors ta' *induction* fil-15 u 16 ta' Settembru 2008.

8.9 Successful applicants must attend an induction programme on the 15th and 16th September 2008.

8.10 Applikanti għandhom jimlew applikazzjoni għal kull suġġett jew settur li huma interessati japplikaw għalih.

8.10 Applicants are to fill in one application form per subject or sector they are interested in applying for.

9. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dawn il-postijiet.

9. Selected candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10.1 Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu mill-*website:* http://www.education.gov.mt/recruitment.htm jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Dipartiment ta' l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, il-Furjana jew mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

10.1 Application forms may be downloaded from the following website: http://www.education.gov.mt/recruitment.htm or obtained from the Customer Care Section, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Floriana FRN 1810 or from the Education Office, Victoria, Gozo.

10.2 L-applikazzjonijiet flimkien ma' sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra miġbura fuq formola apposta li tinkiseb mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Dipartiment ta' l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, il-Furjana FRN 1810 jew mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex, iridu jintbagħtu f'wieħed minn dawn l-indirizzi sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju 2008.

10.2 Applications, together with a summary of qualifications, experience and other information, are to be submitted to the Customer Care Section, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Floriana FRN 1810 or to the Education Office, Victoria, Gozo at either address by not later than noon of Friday, 27th June 2008.

10.3 L-applikazzjonijiet irid ikollhom magħhom dawn id-dokumenti li ġejjin:-

(a) Ċertifikat tal-kondotta maħruġ mid-Dipartiment tal-Pulizija jew Awtorità kompetenti matul is-sitt xhur ta' qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni;

(b) Fotokopji taċ-ċertifikati u/jew dokumenti oħra li jirrigwardaw il-kwalifiki u l-esperjenza u kull dokumentazzjoni meħtieġa skond is-sejħa.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax*, jew xi messaġġ ieħor simili, sa nofsinhar ta nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju 2008 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Dipartiment ta' l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, il-Furjana FRN 1810 jew fl-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* huwa +356-21 225630).

12. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Is-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Dipartiment ta' l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, il-Furjana FRN 1810 jew l-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex, tibgħat irċevuta bil-posta fi-żmien sebat ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-3 ta' Ġunju, 2008

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kuleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Direttur fl-Istitut ta' l-Arti u d-Disinn.

Ħtiġiet:
L-ewwel *degree* f'qasam relatat ma' l-arti u d-disinn:
Ta' l-anqas 5 snin esperjenza fit-tagħlim/*lecturing*
Tingħata preferenza lill-kandidati li jkollhom *degree* ta' wara l-gradwazzjoni fil-qasam prinċipali ta' studju ta' l-Istitut u/jew *management*, u li għandhom esperjenza fil-pożizzjoni ta' *management*.

Il-kandidat magħżul ikun meħtieġ li:

10.3. Applications must be accompanied by the following documents:

(a) a conduct certificate issued by the Police Department or other competent authority not earlier than 6 months prior to the closing date of this call for applications;

Photostat copies of testimonials and/or certificates relating to qualifications and experience and any other documentation requested in this call.

11. Applications received from abroad through a fax, or other similar message, by noon of Friday, 27th June 2008 will be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Customer Care Section, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Floriana FRN 1810 or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number is +356-21 225630).

12. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. These applications will be acknowledged in writing by the Customer Care Section, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Floriana FRN 1810 or the Education Office, Victoria, Gozo within seven days.

3rd June, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the position of Director at the Institute of Art and Design.

Requirements:
A first degree in an area related to art and design:
A minimum of 5 years teaching/lecturing experience.
Preference will be given to candidates who are in possession of a post-graduate degree related to the main area of study of the Institute and/or management, and who have experience in a management position.

The selected candidate will be expected to:

Jaħseb għall-amministrazzjoni u l-operat ta' kuljum ta' l-Istitut;

Jistabbilixxi l-istudji, it-tagħlim li għandu jingħata, it-taħriġ u r-riċerka fl-Istitut;

Iħejji pjani għall-iżvilupp ta' l-Istitut;

Imexxi l-edukazzjoni u x-xogħol ta' taħriġ ta' l-Istitut;

Jieħu sehem b'mod attiv bħala membru tal-Kunsill ta' l-Istituti u jippresiedi fuq il-Bord ta' Studji ta' l-Istitut.

Il-kandidati prospettivi huma mistiedna jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni ta' l-MCAST mimlija, flimkien mal-*history sheet* ta' l-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 16 ta' Ġunju 2008, f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Amministrattiv Prinċipali, il-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew ma jkunux mimlija sew ma jiġux ikkunsidrati.

It-3 Ġunju, 2008

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kuleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġlu jingaġġa żewġ Membri ta' *Support Team* għall-*Inclusive Education Unit* (Permess ta' l-ETC Nru. 22/2008).

Il-kandidati magħżula jkun meħtieġa li jgħinu fl-intervisti ma' studenti prospettivi b'diffikultajiet biex jitgħallmu u/jew b'diżabbiltà u biex jipprovdu għajnuna lil studenti bi bżonnijiet speċjali u lil-letturi li jkunu jaħdmu magħhom. Id-dmirijiet ikunu jinkludu wkoll sehem attiv fit-tmexxija nfisha u l-organizzazzjoni taċ-Ċentru ta' Appoġġ u l-attivitajiet tiegħu, partikolarment waqt ir-reklutaġġ u r-reġistrazzjoni ta' l-istudenti.

L-applkanti għandu jkollhom:

Degree fil-B.Ed. jew l-ewwel *degree* bil-*PGCE/MCAST Vocational Teacher Training qualification,* u

Ta' l-anqas tliet (3) snin ta' esperjenza fit-tagħlim/ *lecturing*, preferibbilment bi studenti li jkollhom bżonnijiet fit-tagħlim.

Technical Officer (Permess ta' l-ETC Nru.70/2008)

Il-kandidat li jintgħażel ikun meħtieġ li jħejji disinni bl-*Autocad* u jagħmel xogħol fuq il-post bħal spezzjonijiet u monitoraġġ, jagħmel *surveys* ta' bini u jkejjel xogħol li jkun

Provide for the administration and day-to-day function of the Institute;

Establish the studies, the instruction to be imparted, the training and the research at the Institute;

Prepare plans for the development of the Institute;

Conduct the education and training work of the Institute;

Actively participate as a member of the Council of Institutes and preside over the Board of Studies of the Institute.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday 16th June 2008, at noon.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office, are to be addressed to The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

3rd June, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit 2 Support Team Members for the Inclusive Education Unit (ETC Permit No. 22/2008).

The successful candidates will be required to assist in the interviewing of prospective students with learning difficulties and/or disability and to provide support to students with special needs and to the lecturers working with them. Duties will also include active participation in the proper management and organisation of the Support Centre and its activities particularly during recruitment and registration of students.

Applicants must be in possession of:

A B.Ed. degree or a first degree with PGCE/MCAST Vocational Teacher Training qualification, and

At least three (3) years teaching/lecturing experience preferably with students who have learning needs.

Technical Officer (ETC Permit No. 70/2008)

The selected candidate will be expected to prepare drawings in Autocad and to perform site work such as inspections and monitoring, surveying buildings and measuring executed

sar. Id-dmirijiet jinkludu wkoll xogħol ġenerali fl-uffiċċju relatat mal-post.

L-applikanti għandu jkollhom:
Higher Technical Diploma jew ekwivalenti ta' kwalifika f'Level 4 f'qasam relatat, u
Ta' l-anqas ħames snin esperjenza relevanti.

Il-kandidati prospettivi huma mistiedna jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni ta' l-MCAST mimlija, flimkien mal-*history sheet* ta' l-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 16 ta' Ġunju 2008, f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Amministrattiv Prinċipali, il-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew ma jkunux mimlija sew ma jiġux ikkunsidrati.

It-3 Ġunju, 2008

work. Duties will also include general office work related to the post.

Applicants must be in possession of:
A Higher Technical Diploma or an equivalent Level 4 qualification in a related area, and
A minimum of 5 years relevant experience.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday 16th June 2008, at noon.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office, are to be addressed to The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

3rd June, 2008

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI

Riżultati ta' l-Intervista għall-Pożizzjonijiet/Postijiet fid-Diviżjoni tas-Saħħa fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-pożizzjonijiet/postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* prinċipali fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-pożizzjonijiet/postijiet huma dawn li ġejjin:
Motor Transport Driver (Group III)

It-3 ta' Ġunju, 2008

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY

Results of Interview for Positions/Posts in the Health Division within the Ministry for Social Policy

The Director General notifies that the result of the interview for the undermentioned positions/posts may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The positions/posts are the following:
Motor Transport Driver (Group III)

3rd June, 2008

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet ta' l-*Edexcel London*
Jannar 2008

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li ċ-ċertifikati ta' l-eżamijiet imsemmija hawn fuq issa waslu u jistgħu jinġabru kif ġej:-

Kandidati f'Malta:-
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
Il-Furjana

Kandidati f'Għawdex:-
Ċentru ta' l-Eżamijiet,
Ir-Rabat,
Għawdex

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Edexcel London Examinations
January 2008

The Director of Examinations notifies candidates that the certificates in respect of the above examination have been received and can be collected as follows:-

Malta candidates:-
Examinations Department
Floriana

Gozo candidates:-
Examinations Centre,
Victoria,
Gozo

Importanti

Il-kandidati għandhom jiftakru illi ċ-ċertifikati tagħhom jistgħu jinġabru biss meta jippreżentaw il-karta ta' l-identità u r-*result slip*.

Jekk iċ-ċertifikat jinġabar mill-ġenitur, għandhom jintwerew il-Karta ta' l-Identità tal-ġenitur u tal-kandidat.

It-3 ta' Ġunju, 2008

Important

Candidates are reminded that certificates can only be collected on presentation of their identity card and result slip.

If the certificate is collected by the parent, the identity card of both the parent and the candidate should be presented.

3rd June, 2008

KORPORAZZJONI TAX-XOGĦOL U TAĦRIĠ

Servizzi ta' Amministrazzjoni

Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ għandha bżonn servizzi ta' amministrazzjoni minn Ġunju sa Settembru 2008. Il-persuna magħżula se tkun qed tgħin lill-Koordinatur tal-Programm biex imexxi l-proġett finanzjat mill-Fond Ewropew għall-Aġġustament tal-Globalizzazzjoni għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja mill-VF u l-Bortex. Il-parteċipazzjoni f'dan il-proġett se tagħti esperjenza tajba ta' proġetti finanzjati mill-UE lill-persuna li tintgħażel.

Persuni interessati għandu jkollhom minimu ta' żewġ *'A' levels* u għandhom ikunu profiċjenti fl-użu ta' l-applikazzjonijiet tal-kompjuter. Persuni interessati għandhom jissottomettu s-CV f'format Ewropew bl-idejn jew bil-posta reġistrata lill-Manager Riżorsi Umani, Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ, Uffiċċju Prinċipali, Ħal Far, BBĠ 3000 sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa, 11 ta' Ġunju 2008. L-applikanti huma mitluba li jniżżlu l-kodiċi HR/33/08 kemm fuq l-ittra ta' applikazzjoni kif ukoll fuq l-envelop.

Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ temmen f'opportunitajiet indaqs għal kulħadd.

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Administration Services

The Employment and Training Corporation needs administration services from June till September 2008. The selected person will assist the Programme Co-ordinator to manage the project funded by the European Globalisation Adjustment Fund for workers made redundant from VF and Bortex. Participation in this project will give the selected candidate a valuable experience of EU funded projects.

Interested persons must have a minimum of two 'A' levels and should be proficient in computer office applications. A CV in European format should be submitted by hand or by registered mail to the Human Resources Manager, Employment and Training Corporation, Head Office, Ħal Far, BBĠ 3000 by not later than Wednesday, 11th June 2008. Applicants are requested to quote the code HR/33/08 both on the covering letter and the envelope.

The Employment and Training Corporation believes in equal opportunities for all.

Programm Operattiv I - Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Ninvestu fil-Kompetittività għall-Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Proġett parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)
Rata ta' Ko-finanzjament: 50% Fondi UE; 50% Fondi Nazzjonali

Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life
Project part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 50% EU funds; 50% National Funds

Investing in your future

KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

Festa ta' San Bartilmew
24 ta' Awissu 2008
Twaqqif ta' Gabbani

Il-Kunsill Lokali Għargħur jgħarraf li qed jilqa' applikazzjonijiet għall-armar ta' gabbani fl-okkażjoni tal-festa ta' San Bartilmew. L-applikazzjonijiet għandhom jaslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Għargħur sa mhux aktar tard mill-Ħamis, l-14 ta' Awissu, 2008 f'nofsinhar.

L-applikanti għandhom jipprovdu ma' l-applikazzjoni:

il-Karta ta' l-Identità
ritratt tal-gabbana
ċertifikat mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-VAT;
liċenza tal-Kummerċ;
ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika.

Jekk xi dokument minn dawn ma jiġix ippreżentat, l-applikazzjoni ma tintlaqax.

Għandu jitħallas dritt skond l-Avviż Legali 119/2002.

It-3 ta' Ġunju, 2008

GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Feast of St Bartholomew
24 August 2008
Setting up of Kiosks

The Għargħur Local Council notifies that it is accepting applications for the setting up of kiosks for the occasion of the Feast of St Bartholomew. These applications are to reach the Office of the Għargħur Local Council by not later than Thursday, 14th August, 2008 at noon.

The applicants have to submit with the application:

the Identity Card;
photo of the kiosk;
certification from the VAT Department;
trade licence;
certificate issued by the Department of Public Health.

If one of these documents is not presented, the application will not be accepted.

A fee should be paid in accordance to Legal Notice 119/2002.

3rd June, 2008

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-5 ta' Ġunju, 2008, għal:

CT 92/2008. Provvista ta' *0.9% sodium chloride x 500ml IV infusion* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 93/2008. Provvista ta' *Wessex aortic cannulae* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 95/2008. Provvista ta' *DDDR pacemakers with leads* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 96/2008. Provvista ta' *primary sets for haemodialysers* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 97/2008. Provvista ta' *antivaricella immunoglobulins* - Dipartiment tas-Saħħa.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-10 ta' Ġunju, 2008, għal:

CT 63/2008. Provvista ta' *autoimmune test kits* bit-tagħmir b'self - Dipartiment tas-Saħħa.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 5th June, 2008, for:

CT 92/2008. Supply of 0.9% sodium chloride x 500ml IV infusion - Department of Health.

CT 93/2008. Supply of Wessex aortic cannulae - Department of Health.

CT 95/2008. Supply of DDDR pacemakers with leads - Department of Health.

CT 96/2008. Supply of primary sets for haemodialysers - Department of Health.

CT 97/2008. Supply of antivaricella immunoglobulins - Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 10th June, 2008, for:

CT 63/2008. Supply of autoimmune test kits with equipment on loan - Department of Health.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' April 2008.

CT 64/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *gemcitabine 1mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' April 2008.

CT 65/2008. Provvista ta' *hepatitis B vaccine paediatric* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' April 2008.

CT 66/2008. Provvista u konsenja ta' għaġin għall-persuni l-aktar fil-bżonn - Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 (Lm10.73) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa mill-*European Agricultural Guidance and Guarantee Fund*.

(*Budget* Allokat: €62,000 (Lm26,616.30) mingħajr V.A.T.).

CT 67/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *salbutamol respirator solution* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-15 ta' April 2008.

CT 68/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *metronidazole 500mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-15 ta' April 2008.

CT 69/2008. Provvista ta' pilloli *hydroxyzine 25mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-15 ta' April 2008.

CT 70/2008. Provvista ta' *budesonide 200mcg inhaler* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-15 ta' April 2008.

CT 71/2008. Provvista ta' *ibandronic acid 3mg vials* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-15 ta' April 2008.

CT 72/2008. Provvista ta' *complete nutritional preparation x 500ml* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-15 ta' April 2008.

CT/A/2/2008. Provvista u konsenja ta' ħalib frisk xkumat pasturizzat u *yoghurt* għall-persuni fil-bżonn – Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Kopja tad-dokument ta' l-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.mrra.gov.mt

The EU Contract Notice was dispatched on 9th April 2008.

CT 64/2008. Supply of gemcitabine 1mg injections - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 9th April 2008.

CT 65/2008. Supply of hepatatis B vaccine paediatric - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 9th April 2008.

CT 66/2008. Supply and delivery of pasta for the most deprived persons - Ministry for Resources and Rural Affairs. A fee of €25.00 (Lm10.73) will be charged for each copy of tender document.

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is funded by the European Agricultural Guidance and Guarantee Fund.

(Allocated Budget: €62,000 (Lm26,616.30) excluding V.A.T.).

CT 67/2008. Supply of salbutamol respirator solution injections - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 15th April 2008.

CT 68/2008. Supply of metronidazole 500mg injections - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 15th April 2008.

CT 69/2008. Supply of hydroxyzine 25mg tablets - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 15th April 2008.

CT 70/2008. Supply of budesonide 200mcg inhaler - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 15th April 2008.

CT 71/2008. Supply of ibandronic acid 3mg vials - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 15th April 2008.

CT 72/2008. Supply of complete nutritional preparation x 500ml - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 15th April 2008.

CT/A/2/2008. Supply and delivery of fresh pasteurised skimmed milk and fresh live yoghurt for the most deprived persons – Ministry for Resources and Rural Affairs. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.mrra.gov.mt

Dan huwa *Supplies Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hija offerta mħallsa mill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija Agrarji. (*Budget* stmat: €99,000.00 (Lm42,500.22) mingħajr V.A.T.).

CT/A/3/2008. Provvista ta' ross għall-persuni fil-bżonn – Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Kopja tad-dokument ta' l-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.mrra.gov.mt

Dan huwa *Supplies Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hija offerta mħallsa mill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija Agrarji. (*Budget* stmat: €25,000 (Lm10,732.38) mingħajr V.A.T.).

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-12 ta' Ġunju, 2008, għal:

CT 101/2008. Provvista ta' *isoflurane inhalation* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 102/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *mitoxantrone* 20mg – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 103/2008. Provvista ta' *sodium chloride 0.9% X 3000ml fluid for irrigation BP/EP* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 104/2008. Provvista ta' *reagents for biochemical analysis* b'tagħmir b'self – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 105/2008. Provvista ta' *intravenous iron supplement* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 107/2008. Provvista ta' servizzi ta' sigurtà, għassa, *cash-in-transit, alarm monitoring* u *response* - Dipartiment tal-VAT.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-17 ta' Ġunju, 2008, għal:

CT 89/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *zolendronic acid 5mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-17 ta' April 2008.

CT 90/2008. Provvista ta' pilloli *leflunomide 10mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-17 ta' April 2008.

CT 99/2008. Provvista ta' *0.9% sodium chloride x 1000ml IV injection* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' April 2008.

CT 100/2008. Provvista ta' *holmium laser reusable light guide probes* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' April 2008.

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is funded by the European Agricultural Guidance and Guarantee Fund. (Estimated Budget: €99,000.00 (Lm42,500.22) excluding V.A.T.).

CT/A/3/2008. Supply and delivery of rice for the most deprived persons – Ministry for Resources and Rural Affairs. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.mrra.gov.mt

